# Hatra ta' żewġ għalliema ġodda - tkompli r-riforma fl-Iskola tal-Mużika

Wara l-festa tas-sena 2019, is-Soċjetà ħasset il-bżonn li tkompli tirriforma l-Iskola tal-Mużika fi ħdanha biex tkun qed tirrifletti l-ħtiġijiet mużikali tal-lum. F'Lulju 2019, is-Soċjetà ħatret żewġ għalliema ġodda u ngħata bidu għall-programm ġdid li jwassal lill-istudenti tagħna għall-eżamijiet.

## Hertian Gauci

**BA, PGCE, M.Ed ALCM, LLCM, FLCM**



Hertian Gauci twieled l-Isla fl-1984 u beda l-istudji tiegħu fil-klarinett fi ħdan is-Soċjetà Filarmonika Nazionale La Valette fl-età ta' disa' snin, mal-assistent surmast Mro. Archibald Mizzi. Kompla l-istudji tiegħu taħt il-klarinettist Freddie Mizzi u suċċessivament daħal l-Iskola tal-Mużika Johann Strauss. Hawnhekk, taħt il-gwida tal-klarinettist Godfrey Mifsud ġab id-diplomi ALCM, LLCM U FLCM fil-klarinett, filwaqt li fit-teorija kien immexxi mill-mibki surmast Mro. Ronnie Debattista.

Hu kompla jistudja t-teorija mas-surmast rinomat Raymond Sciberras u attenda wkoll sessjonijiet fuq kompożizzjoni ma' surmastrijiet oħrajn magħrufin bħal Etienne Spiteri u Mauro Farrugia. Huwa attenda wkoll diversi masterclasses u kien għalliem u solist ma' diversi baned Maltin. Apparti għalliem fi ħdan is-Soċjetà Mużikali Beland bħalissa huwa wkoll assistent surmast mal-Banda De Rohan Ħaż-Żebbuġ u mal-Banda La Vittoria tal-Mellieħa.

Fl-2017 huwa rebaħ kompetizzjoni tal-kompożizzjoni fejn l-innu tiegħu ntgħażel bħala l-innu uffiċjali tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa u riċentement rebaħ il-Yamaha Scholarship Programme organizzat mill-Università ta' Malta. Hertian iggradwa B.A. (Hons) fl-2005 u sena wara ġab il-PGCE u l-warrant ta' għalliem. Fl-2011 ġab Masters fl-Edukazzjoni mill-Università ta' Malta. Attwalment Hertian huwa għalliem tal-mużika u tat-Taljan fl-Iskola tal-Performing Arts (MVPA) kif ukoll għalliem tal-klarinett fil-Malta School of Music. Preżentament Hertian qiegħed jagħmel Masters fil-Mużika fl-Università ta' Malta taħt is-superviżjoni ta' Mro. Michael Laus.

## Robert Magro

**A.C.I.I., L.Mus.LCM**



Robert Magro twieled fis-sena 1978, iben Joe u Doreen Magro. Huwa beda l-istudji mużikali fit-teorija u l-pianoforte fl-età ta' sitt snin taħt Mro. Joseph Psaila. Fl-2008 huwa ngħaqad bħala mużiċist mal-Banda Beland permezz tas-Saxophone Alto u aktar tard permezz tal-Althorn. Huwa dam idoqq sas-sena 2014. Fl-istess żmien huwa kompla l-istudji avvanzati fit-teorija, armonija, kontropunt, orkestrazzjoni u kompożizzjoni taħt Mro. Ray Sciberras FLCM. Huwa ġab id-diplomi Dip.Mus.LCM, A.Mus,LCM u L.Mus.LCM tal-London College of Music, University of West London. Robert okkupa wkoll il-pożizzjoni ta' għalliem tat-teorija mas-Soċjetà Filarmonika San Pietru Banda Birżebbuġa A.D. 1990.

Robert huwa wkoll kompożitur ta' numru ta' marċi brijużi, valzi u marċi funebri. Fis-sena 2016 huwa ħareġ is-CD album ta' marċi funebri personali



tiegħu bl-isem 'Golgota'. Preżentament huwa wkoll membru tal-Kummissjoni Banda Beland fejn għal diversi snin kien jokkupa l-kariga ta' segretarju. Huwa miżżewweġ lil Audrianne u għandu żewġt itfal, Luke u Abigail. Huwa ħa l-edukazzjoni tiegħu ġewwa l-Kulleġġ De La Salle u kompla l-istudju fl-assikurazzjoni maċ-Chartered Insurance Institute ta' Londra fejn gradwa bħala Associate Member. Huwa jaħdem fil-qasam tas-superviżjoni finanzjarja. L-amministrazzjoni tas-Soċjetà tiżżi ħajr lil dawn iż-żewġ għalliema ġodda għall-ħidma fejjieda flimkien mal-għalliema l-oħra matul l-aħħar żmien, speċjalment fi żmien il-pandemija meta t-tagħlim tal-mużika xorta baqa' jsir minkejja d-diffikultajiet li affaċjajna.



Mix-xellug għal-lemin: Jerome Carabott (Kurunetta), Jake Desira (Klarinett), Lincoln Cowles (Euphonium), Andy Debrincat (Drums).

## Bandisti Ġodda

Din is-sena erba' bandisti ġodda ddebuttaw mal-Banda Beland fil-ġranet tal-Ġimgħa Mqaddsa - frott l-Iskola tal-Mużika ta' din is-Soċjetà. Nirringrazzjaw minn qalbna lill-għalliema ddedikati tagħna: Hertian Gauci, Joe Cutajar, Tancred Grech u Robert Magro, immexxija b'tant għaqal mis-Surmast Direttur Mro. Gordon Baldacchino. Kburin wisq bikom!



## VENTALTAR

Nhar is-Sibt 25 ta' Settembru 2021, fit-tmiem il-Programm li sar mill-Banda Beland b'rabta mal-100 sena tal-Konsagrazzjoni tas-Soċjetà lill-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù, familjari u ħbieb tal-mibki Kevin Pace rregalaw ventaltar ġdid irrakmat bl-emblema tal-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù. Dan il-ventaltar se jintrama fil-Kappella tas-Soċjetà matul il-ġranet tal-Festa tal-Kappella. Nirringrazzjawhom ta' dan il-ġest sabiħ, b'memorja tal-ħabib tagħna Kevin Pace li wkoll kellu għal qalbu din il-festa.


BODY CONNECTION

Beauty Salon

DIRECTOR: JACKIE GRIMA I.H.B.C.

*Make up for Weddings*
*Facial / Slimming Treatments*
*Waxing*
*Electrolysis*
*Manicures & Pedicures*
*Beauty / Skin Care Products*



22, Triq Santu Wistin, Żejtun
Tel: 2169 5852 • Mob: 9945 9046 • Email: jackie.g23@hotmail.com